MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Appell Kriminali Numru. 535/2014

Appell Nru: 535/2014

Il-Pulizja

Spettur Jason Francis Sultana

Vs

Omissis

Marian Sorin Mihailoiu

Illum 26 ta' Marzu, 2015,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti *Omissis* u Marian Sorin Mihailoiu detentur tal-karta tal-identita Rumena bin-numru RT 962663 akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Akkuzati talli bejn id-29 ta' Novembru u l-11 ta' Dicembru 2014 f'dawn ilgzejjer, b'diversi atti maghmulin minnhom anke jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rezoluzzjoni wahda;

1. Nhar it-8 ta' Dicembru, 2014 ghall-habta ta' 1810hrs, tas-Sliema, ikkommettew serq ta' flus ta' ammont li jeccedi l-valur ta' €232.94 izda inqas minn €2329.37, liema serq huwa aggravat bil-valur ghad-detriment ta' Joseph Cacopardo detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 98359M u dan bi ksur ta' Art. 261(c) u 267 ta' Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

2. Nhar it-8 ta' Dicembru 2014 ghall-habta tal-1130hrs gewwa tas-Sliema ikkommettew serq ta' flus ta' ammont li jeccedi l-valur ta' €232.94 izda inqas minn €2329.37, liema serq huwa aggravat bil-valur ghad-detriment ta' Allan Nicholas Ridley detentur tal-passaport Britaniku bin-numru 308694579 u dan bi ksur ta' Art. 261(c) u 267 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Nhar il-11 ta' Dicembru 2014 ghall-habta ta' 1830hrs gewwa tas-Sliema ikkommettew serq ta' flus ta' ammont li jeccedi l-valur ta' €232.94 izda inqas minn €2329.37, liema serq huwa aggravat bil-valur ghad-detriment ta' Bruca Cecil Roebuck detentur tal-passaport Britaniku bin-numru 462052347 u dan bi ksur ta' Art. 261(c) u 267 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Nhar it-8 ta' Dicembru, 2014 ghall-habta tal-1100hrs, gewwa tas-Sliema ikkommettew serq semplici ta' flus ta' ammont li ma jeccedix il-valur ta' €232.94 izda huwa ta' aktar minn €23.29 ghad-detriment ta' Keith Elliot u dan bi ksur ta' Art. 285 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Nhar is-7 ta' Dicembru 2014 ghall-habta tal-1100hrs, gewwa l-Gzira ikkommettew serq semplici ta' flus ta' ammont li ma jeccedix il-valur ta' €232.94 izda huwa ta' aktar minn €23.29 ghad-detriment ta' Charlene Schembri detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 462387(M) u dan bi ksur ta' Art. 285 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Nhar l-1 ta' Dicembru 2014 ghall-habta ta' 1830hrs, gewwa tas-Sliema ikkommettew serq semplici ta' flus ta' ammont li ma jeccedix il-valur ta' €232.94 izda huwa ta' aktar minn €23.29 ghad-detriment ta' Michael Paul Ohl u dan bi ksur ta' Art. 285 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Nhar l-11 ta' Dicembru 2014 ghall-habta tal-1330hrs, gewwa l-Gzira ikkommettew serq semplici ta' flus ta' ammont li ma jeccedix il-valur ta' €232.94 izda huwa ta' aktar minn €23.29 ghad-detriment ta' Maria Vassallo detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 2649(M) u dan bi ksur ta' Art. 285 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Nhar it-30 ta' Novembru 2014 ghall-habta ta' 1833hrs, gewwa tas-Sliema ikkommettew serq semplici ta' wallett ta' ammont li ma jeccedix il-valur ta' €232.94 izda huwa ta' aktar minn €23.29 ghad-detriment ta' Mario Degabriele detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 459149M u dan bi ksur ta' Art. 285 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. Nhar it-2 ta' Dicembru 2014 ghall-habta ta' 1500hrs, gewwa tas-Sliema ikkommettew serq semplici ta' flus ta' ammont li ma jeccedix il-valur ta' €232.94 izda huwa ta' aktar minn €23.29 ghad-detriment ta' Elsie Smith u dan bi ksur ta' Art. 285 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

10. Nhar is-6 ta' Dicembru 2014 ghall-habta ta' 1100hrs, gewwa tas-Sliema ikkommettew serq semplici ta' flus ta' ammont li ma jeccedix il-valur ta' €232.94 izda huwa ta' aktar minn €23.29 ghad-detriment ta' Keith Elliot u dan bi ksur ta' Art. 285 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

11. Nhar is-6 ta' Dicembru 2014 ghall-habta tal-1930hrs gewwa tas-Sliema ikkommettew serq ta' flus ta' ammont li ma jeccedix il-valur ta' €232.94 izda huwa ta' aktar minn €23.29 liema serq huwa aggravat bil-hin ghaddetriment ta' Concetta Spiteri detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 17936M u dan bi ksur ta' Art. 261(f), 285 u 270 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

12. Nhar il-5 ta' Dicembru 2014 ghall-habta tal-1000hrs, gewwa tas-Sliema ikkommettew serq semplici ta' flus ta' ammont li ma jeccedix il-valur ta' €232.94 izda huwa ta' aktar minn €23.29 ghad-detriment ta' Richard Rosemeyer u dan bi ksur ta' Art. 285 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

13. Aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi laqghu ghandhom hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akwistati b'reat u dan bi ksur ta' Artikolu 334(a) ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

14. Aktar talli fl-istess dati, hin lok u cirkostanzi gewwa tas-Sliema ikkommettew serq ta' 4 mobiles ta' ammont li jeccedi il-valur ta' €232.94 izda inqas minn €2329.37, liema serq huwa aggravat bil-valur ghaddetriment ta' diversi persuni u jew entitajiet ohra u dan bi ksur ta' Art. 261(c) u 267 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-piena stabbilit mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lillakkuzati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 talLigijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-15 ta' Dicembru, 2014, fejn il-Qorti, semghet l-ammissjoni tal-imputati; rat l-atti kollha tal-kawza u wara li rat l-artikoli 261 (c) u (f), 267, 270, 285, 280(1) u 334 (a) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta. ikkundannat lill-imputati ghal-terminu ta' prigunerija ta' seba (7) xhur.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Marian-Sorin Mihailoiu, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-26 ta' Dicembru, 2014, fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu l-piena karcerarja moghtija lilu u tissospendi

l-ezekuzzjoni tal-piena karcerarja ghall-perjodu illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Marian-Sorin Mihailou huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi tenut kont tal-ammissjoni bikrija tal-appellant u l-fatt illi l-appellant ghandu fedina penali netta, ma kien hemm l-ebda raguni fil-ligi ghala l-ewwel Onorabbli Qorti ma kkoncedietx is-sospensjoni tas-sentenza karcerarja moghtija lill-appellanti. L-appellanti kienu lesti illi jitilqu dawn il-gzejjer minnufih u kellhom anke f'idejhom il-biljett tal-ajru sabiex jitilqu minn Malta fi zmien ftit jiem u ghaldaqstant, ma kien hemm l-ebda periklu ta' rietrazzjoni tar-reat. Illi s-socjeta' bl-ebda mod ma sejra tkun aktar tutelata ghaliex l-appellanti ser iqattghu perjodu effettiv ta' inkarcerazzjoni u gialadarba kienu jezistu l-estremi kontemplati fil-ligi, l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha l-poteri kollha illi tissospendi l-ezekuzzjoni tal-piena karcerarja li dehrilha illi ghandha timponi fuq l-appellant u dana aktar u aktar tenut kont l-ammissjoni bikrija tal-appellant u r-ritorn tar-rifurtiva kollha. Illi kieku l-appellant kien cittadin Malti, tali sospensjoni kienet bi probabilta' kbira tinghata minghajr problemi ta' xejn u m'huwiex gust illi s-sentenza karcerarja moghtija lill-appellant ma gietx sospiza ghas-semplici raguni illi huwa frustier.

Ikkunsidrat:

Fl-erbatax (14) ta' Dicembru tal-elfejn u erbatax (2014) l-appellanti gew imressqa l-Qorti biex iwiegbu ghal diversi serqiet illi huma wettqu fil-granet ta' qabel. Fl-istess seduta irregistraw ammissjoni u l-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghal gurnata ta' wara. Is-sentenza inghata u l-appellanti gew ikkundannati seba' (7) xhur prigunerija effettiva kif ukoll konfiska tal-oggetti derubati.

L-appellanti hassewhom aggravati minn din is-sentenza peress illi dehrilhom illi bhala l-ewwel reat taghhom kif ukoll l-ammissjoni bikrija kellhom jibbenefikaw minn sentenza sospiza u mhux sentenza effettiva. Dan kien suggeriment maghmul mid-difiza u kien ghalhekk illi Mariane Sorin Mihailoiu kien irregistra ammissjoni.

Ikkunsidrat,

Bir-rispett, din il-Qorti ssib illi dan l-argument ma jirriflettix dak illi effettivament gara quddiem il-Qorti. Jibda biex jinghad illi z-zewg stqarrijiet rilaxxati mill-appellanti fit-tlettax (13) ta' Dicembru elfejn u erbatax (2014) fejn huma iddeskrivew dettaljament il-modalità tas-serqiet illi wettqu, saru bl-assistenza ta' interpretu. Kienet hi stess illi identifikat is-serqiet illi wettqet. Quddiem il-Qorti mbaghad interpreti gew appuntati u l-akkuzi gew moqrija lill-appellanti tramite l-interpreti u kien hemm ukoll l-assistenza ta' avukat matul il-proceduri. Qatt ma saret xi oggezzjoni f'dak l-istadju dwar il-lingwa jew xi procedura li kienet qed tintuza mill-Qorti.

Minn ezami akkurat tal-istqarrijiet irrilaxxati, l-pulizija staqsew domandi dwar is-serqiet kollha u l-appellanti wiegbet b'mod car u kategoriku. L-appellant Mariane Sorin fil-fatt tant kien qed jifhem x'kien qed jinghad illi semma' persuna ohra illi iddikjara illi ma kellhiex x'taqsam ma' dawn is-serqiet.

Rigward il-piena mkien ma rrizulta illi sar xi suggeriment ghal sentenza sospiza. Din hija xi haga diskrezzjonarja f'idejn il-Qorti illi f'dan il-kaz dehrilha illi stante illi kien hemm serqa kuljum fuq perjodu ta' gimghatejn sentenza sospiza kienet tkun bla sens. Evidentement iz-zewg appellanti gew Malta bil-hsieb specifiku illi jiserqu biex imbaghad imorru lura pajjizhom bil-flus u l-affarijiet illi jkunu serqu.

Ghalhekk din il-Qorti  jidhrilha illi f'dawn ic-cirkostanzi l-ewwel Qorti ghamlet sew meta imponiet sentenza ta' prigunerija effettiva.

Rigward it-terminu din il-Qorti ssib illi dan huwa fil-parametri tal-ligi u ghalhekk mhux il-kaz illi tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta′ u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------